Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,332, 17 ta' Jannar, 2020
Taqsima B

A.L. 16 tal-2020

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mill-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali, ippubblikati bħala Avviż Legali 221 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru, 2019 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Valutazzjoni – il-Marki u l-Gradi**

16. Fil-valutazzjoni tat-Taqsimiet, l-eżaminaturi għandhom jesprimu l-livell milħuq mill-istudent bħala marka perċentwali u bħala grad kif inhu muri fit-tabella ta' hawn taħt. Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad f'għamla ta' ittra għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku tal-istudent. Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent, għandha tintuża l-marka perċentwali.

Deskrizzjoni	Medda tal-Marki	Grad
Xogħol eċċezzjonali. Livell eċċezzjonali li jixhed li l-istudent fehem is-suġġett fil-wisa' tiegħu u għaraf japplikah. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol supplimentari estensiv.	90% - 100%	A+
Xogħol eċċellenti. Livell mill-aqwa li jixhed li l-istudent fehem is-suġġett fil-wisa' tiegħu. Xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari konsiderevoli.	80% - 89%	A
Xogħol tajjeb ħafna. Livell ikkaratterizzat minn għarfien tajjeb ħafna tas-suġġett . Xhieda ta' ammont ġmielu ta' qari/riċerka/xogħol.	75% - 79%	B+
Xogħol tajjeb. Livell li jisboq il-medja, b'għarfien tajjeb tas-suġġett. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol mhux kbir.	70% - 74%	B
Xogħol ta' kwalità medja. L-istudent fehem is-suġġett mhux ħażin iżda mhux għalkollox. Xhieda ta' ftit qari/ riċerka/xogħol.	60% - 69%	C+
Xogħol passabbli. L-istudent fehem il-qofol tas-suġġett. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari.	55% - 59%	C
Xogħol x'aktarx batut. L-istudent fehem is-suġġett fuq fuq biss. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari.	50% - 54%	D+
Għadda marġinalment. Livell marġinali, li bilkemm jista' jitqies pedament sodisfaċenti għall-korsijiet li jiġu wara fl-istess qasam.	45% - 49%	D
Mhux sodisfaċenti, xogħol li bih l-istudent ma jgħaddix.	0%–44%	F"